

Brussell, 22 ta' Settembru 2020
(OR. en)

11022/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0280(NLE)**

**SCH-EVAL 118
FRONT 256
COMIX 407**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	22 ta' Settembru 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	10798/20 + COR 1 Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal- Kroazja dwar l-issodisfar tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- ġestjoni tal-fruntieri esterni (żjara ġdida tal-fruntiera fuq l-art)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal-Kroazja dwar l-issodisfar tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni (żjara ġdida tal-fruntiera fuq l-art), adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Settembru 2020.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal-Kroazja dwar l-issodisfar tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni (żjara ġdida tal-fruntiera fuq l-art)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-tieni żjara ġdida ta' evalwazzjoni ta' Schengen, b'enfasi speċjali fuq il-fruntiera tal-art tal-Kroazja mal-Bożnija-Ħerzegovina, li saret f'Mejju 2019, ikkonkludiet li kien hemm għadd sostanzjali ta' rakkomandazzjonijiet importanti relatati mas-sejbiet identifikati matul iż-żjarat tal-2016 u tal-2017 li l-implimentazzjoni tagħhom kienet għadha ma tlestietx fiż-żmien taż-żjara l-ġdida tal-2019. Din iż-żjara ġdida identifikat ukoll punti addizzjonali, li tqiesu bħala "konformi iżda meħtieġ titjib". It-tħassib ewlieni kien relatat mal-iżvilupp ulterjuri tal-kunċett ta' sorveljanza tal-fruntiera tal-art u l-implimentazzjoni, l-akkwist u l-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi tekniċi ta' sorveljanza fuq l-art u tat-tagħmir ta' sorveljanza, bħall-użu ta' klieb ta' sorveljanza.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

Dan huwa speċjalment importanti meta jittieħed kont tat-tul tal-fruntiera esterna u t-theddida kontinwa tal-migrazzjoni illegali fil-fruntiera mal-Bożnija-Herzegovina u s-Serbja. Tenħtieġ implimentazzjoni ulterjuri u sħiħa ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet biex jiġi kkonfermat li l-Kroazja ssodisfat bis-sħiħ il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Minħabba l-fatt li diversi kapaċitajiet importanti u meħtieġa kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u kienu qed jintużaw b'mod operazzjonali fil-mument taż-żjara l-ġdida f'Mejju 2019, il-Kroazja hija mistiedna tindirizza dawn il-kwistjonijiet pendenti qabel ma tiġi stabbilita valutazzjoni finali tal-livell tas-sistema ta' sorveljanza tal-fruntiera. Wara l-evalwazzjoni, ġie adottat rapport, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019)9205 fit-13 ta' Diċembru 2019, li jkopri s-sejbiet u l-valutazzjonijiet u jirrifletti s-sitwazzjoni fil-mument taż-żjara l-ġdida tal-2019.

- (2) Wara ż-żjara l-ġdida tal-2019, il-Kroazja pprovdiet lill-Kummissjoni rapporti ta' segwitu, l-aħħar wieħed minnhom fit-2 ta' Ottubru 2019, dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni relatati mar-rakkomandazzjonijiet tal-2016 u tal-2017, inkluż l-azzjonijiet li għadhom pendenti identifikati matul iż-żjara -ġdida tal-2019.
- (3) Sussegwentement, fit-22 ta' Ottubru 2019, qabel l-adozzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni² dwar "il-verifika tal-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen min-naħa tal-Kroazja".
- (4) L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma responsabbli b'mod konġunt għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 u għandhom jikkooperaw bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-evalwazzjonijiet.
- (5) B'kont meħud tal-konklużjonijiet taż-żjara l-ġdida tal-2019, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet li jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati billi tagħmel l-aħjar użu mill-mezzi previsti fir-Regolament (UE) Nru 1053/2013, inkluż żjarat ġodda fuq il-post biex tiġi vverifikata l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni.

² COM(2019) 497 final tat-22 ta' Ottubru 2019.

- (6) L-għan ta' din id-deċiżjoni huwa li tirrakkomanda lill-Kroazja biex tkompli timplimenta l-azzjonijiet li għaddejjin u tikkoreġi kwalunkwe nuqqas identifikat matul il-proċess ta' evalwazzjoni. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-kisba ta' livelli ta' persunal u ta' kapaċità ta' sorveljanza tal-fruntiera tal-art. Jenħtieġ li jiġu indirizzati wkoll ir-rakkomandazzjonijiet l-oħra li għadhom pendenti miż-żjarat fuq il-post tal-2016 u tal-2017. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lir-rakkomandazzjonijiet 3, 4 u 9 miż-żjara tal-2019.
- (7) Il-pjattaforma elettronika użata għall-kontrolli fuq il-fruntiera tirrikjedi li l-gwardji tal-fruntiera jimmarkaw bħala "moqri" il-messaġġi importanti, inkluż prodotti tal-analiżi tar-riskju, qabel ma jilloggjaw fis-sistema. Din il-proċedura li għandha l-għan li tiġbed l-attenzjoni tal-gwardji tal-fruntiera fuq xejriet, inċidenti, profili ta' riskju eċċ. reċenti qabel ma jibdew xogħolhom, hija meqjusa bħala Prattika tajba.
- (8) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, jenħtieġ li l-Kroazja, skont l-Artikolu 16 (1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex jiġi rimedjat kwalunkwe nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u tipprovdi dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

JIRRAKKOMANDA:

Jenħtieġ li l-Kroazja:

1. tkompli timplimenta l-azzjonijiet kollha li għaddejjin bħalissa relatati mar-rakkomandazzjonijiet fid-dokumenti tal-Kunsill 7739/17 u 13902/18, b'mod partikolari l-kisba tal-livelli meħtieġa ta' persunal u l-kapaċità ta' sorveljanza tal-fruntiera tal-art kif ippjanat;
2. taġġorna l-pjanijiet ta' kontinġenza biex toperazzjonalizza l-proċeduri nazzjonali biex tirċievi u tospita l-interventi rapidi fil-fruntiera tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u biex tirċievi appoġġ Ewropew għall-istabbiliment ta' hotspot jekk meħtieġ;
3. tkompli tiżviluppa r-rwol tal-mexxejja tal-gruppi għas-sorveljanza tal-fruntiera billi tipprovdi t-taħriġ meħtieġ fil-ġestjoni u l-flessibbiltà u l-kompetenza biex ikunu kapaċi jirreaġixxu bħala mexxejja tattiċi fuq il-post, filwaqt li tarmonizza dan l-approċċ għall-Pulizija tal-Fruntieri kollha kemm hi;

4. tiżgura sorveljanza teknika kostanti ta' toroq magħluqa u ta' postijiet ta' qsim li jinsabu f'postijiet sensittivi u tal-madwar tagħhom, tiżgura d-disponibbiltà ta' mill-inqas żewġ uffiċjali f'punti ta' qsim tal-fruntiera lokali; u tagħmel il-linja tal-fruntiera tal-Istat aktar viżibbli (eż. bl-użu ta' tejp informattivi jew sinjali aktar informattivi);
5. tistabilixxi sistema ta' sorveljanza effiċjenti f'dik li qabel kienet ferrovija (magħluqa) bejn Zagreb u Split tul ix-Xmara Una;
6. tkompli tiżviluppa l-kapaċità ta' sorveljanza fl-ajru fis-snin li ġejjin, skont l-iżviluppi fis-sitwazzjoni tal-migrazzjoni;
7. tistabilixxi mudell ċar u uniformi għall-iskambju ta' informazzjoni fil-livell reġjonali u dak lokali bejn l-għases tal-pulizija tal-fruntiera ġirien dwar is-sitwazzjoni tal-fruntiera biex titjeb is-sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni tal-gwardji tal-fruntiera;
8. tiżgura li l-analisti tar-riskju kollha jkunu konxji sew tar-rwol tagħhom fil-proċess tal-ippjanar biex ikomplu jiżviluppaw il-ħiliet u l-prodotti tagħhom sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti operazzjonali u jappoġġaw it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha; u
9. tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 dwar l-istabbiliment tal-"EURODAC" sabiex jiġi ottimizzat it-teħid tal-marki tas-swaba' u r-reġistrazzjoni ta' persuni li jkunu qasmu il-fruntiera illegalment.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
